**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**DR. ANDREW SCIBERRAS**

**Illum 28 ta' Settembru 2017**

**Rikors Numru 324/2013**

**Emanuel Cutajar**

**Vs**

**L-Awtorita` dwar it-Trasport f'Malta u b'digriet tad-19 ta' Mejju 2014 isem l-Awtorita` gie korrett ghal "L-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta"**

It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **Emanuel Cutajar**ipprezentat fis-16 ta' Dicembru 2013 fejn gie premess is-segwenti:-

*"Illi b'ittra tal-20 ta' Novembru 2013 (annessa u markata MS1), l-esponenti gie mgharraf li l-Awtorita' dwar it-Trasport f'Malta kienet b'decizjoni mehuda minnha mponiet fuqu penali amministrattiva ta' hames mitt ewro (€500) u naqqsitlu hamsin (50) punti minhabba li sabitu hati li kiser ir-regolament numru 69(2) tar-Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri (L.S. 499.56) wara li saret spezzjoni minn ufficjal tal-infurzar fis-27 ta' Ottubru 2013, gewwa Triq Ross, Paceville, San Giljan, f'xi 8.45, mill-liema spezzjoni irrizulta lill-Awtorita' li bhala operatur tal-bus mikxufa bin-numru ta' registrazzoni COY018 l-esponenti uza jew halla li tintuza din il-bus mix-xufier Giuda Taddeo Xuereb bin-numru tat-Tag 885748, li giet manifatturata aktar minn ghaxar snin qabel dahlu fis-sehh l-imsemmija regolamenti (L.S.499.56), ghal xi ghan iehor minbarra li toffri servizz fuq rotta ta' garr ta' passiggieri turisti ;*

*Illi l-esponenti hass ruhha aggravat minn din id-decizjoni u qieghed jinterponi umili appell minn din id-decizjoni quddiem dan it-Tribunal a tenur ta' L.S.499.56 u fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta ;*

*L-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti f'dan li gej :-*

*Illi l-bus COY-018 mhuwiex l-operatur taghha l-esponenti u fil-gurnata li saret l-ispezzjoni mill-ufficjal tal-infurzar din kienet tinsab imwellija lill-kumpannija Island Sightseeing Ltd. kif jirrizulta mill-kuntratt li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u markata MS2. Din il-kumpannija torganizza CitySightseeing tours f'Malta. L-operatur ta' dawn it-tours huwa Alfred Magro direttur ta' Captain Morgan Leisure Limited li ghandu l-licenzja bin-numru PAN-000159-10 kif jirrizulta mid-Driver Identification Certificate mahrug mill-Awtorita' taht ir-regolamenti L.S. 499.56. Ix-xufier Giuda Taddeo Xuereb bit-Tag numru tal-Awtorita' 885748 li fil-hin tal-ispezzjoni kien qed isuq il-bus mhuwiex impjegat tal-esponenti, izda huwa mpjegat ta' Captain Morgan Leisure Limited jew ta' xi kumpannija ohra li ghandu l-kontroll taghha Alfred Magro. L-esponenti bl-ebda mod ma ppremetta l-uzu ta' din il-bus li tigi misjuqa la minn dan ix-xufier u lanqas minn hadd iehor bi ksur tar-regfolament 69(2) ta' L.S. 499.56. Ghaldaqstant l-Awtorita' ma kinitx gusta u korretta meta mponiet fuq l-esponenti l-penali u qatghetlu l-punti, u din kellha taghmlu fil-konfront ta' dak l-operatur li dak iz-zmien kellu l-kontroll effettiv dwar l-uzu ta' din il-bus.*

*Ghaldaqstant ghal dawn ir-ragunijiet u ghal dawk ir-ragunijiet kollha li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, l-esponenti jitlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jirrevoka id-decizjoni tad-Direttorat tal-Infurzar tal-Awtorita' komunikata lir-rikorrenti mill-istess Awtorita' bl-avviz tal-20 ta' Novembru 2013, fuq imsemmi, billi jhassar il-penali amministrattiva mposta fuq l-esponenti u jordna li l-hamsin (50) punti li gew imnaqqsa minghandu jigu moghtija lura lill-esponenti."*

Ra r-risposta ta' **l-Awtorita` Ghat-Trasport f'Malta** ipprezentata fl-10 ta' Jannar 2013 fejn gie eccepit is-segwenti:-

*"Illi d-decizjoni moghtija mill-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta tal-20 ta' Novembru 2013, in vista tan-nuqqas da parti tas-socjeta' appellanti milli tressaq l-oggezzjonijiet taghha quddiem il-Bord ta' Rapprezentazzjonijiet tal-Awtorita` ghat-Trasport kif stipulat bil-ligi, ghandha tigi konfermata fl-intier taghha stante illi hija wahda gusta u timmerita konferma u dan billi:*

1. *Illi, preliminarjament dan it-Tribunal ghandu jiddeklina milli jiehu konjizzjoni ta' din il-procedura stante li r-rikorrenti ma esawritx r-rimedji ordinarji spettanti lilha skont l-artikolu 108(10) ta' L.S.499.56 tal-Ligijiet ta' Malta.*

2. *Illi fil-mertu, id-decizjoni tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta hija wahda gusta u in konformita mal-ligi u ghandha tigi kkonfermata stante li kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz, il-fatti ma humiex kif esposti mir-rikorrenti fir-rikors tal-appell tieghu izda kif stabbiliti mill-Awtorita` fid-deliberazzjonijiet taghha."*

Ra is-sentenza preliminari tad-19 ta' Mejju 2014 li permezz taghha t-Tribunal iddecieda dwar l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` intimata;

Ra s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-11 ta' Novembru 2015 li permezz taghha l-appell gie dikjarat null u l-atti regghu intbaghtu quddiem dan it-Tribunal;

Sema' x-xhieda ta' Joseph Saliba, Taddeo Xuereb, Mario Attard, Alfred Magro, Sylvana Bartolo, Emanuel Borg, Emanuel Zammit u tar-rikorrent;

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi permezz ta' **Avviz ta' Penali Amministrattiva skond ir-Regolament dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri (L.S. 499.56) datat 20 ta' Novembru 2013,** ir-rikorrent gie infurmat bis-segwenti:-

*"Fin-nuqqas ta' rapprezentazzjonijiet mibghuta minnek fuq il-kaz imsemmi, int infurmat li giet imposta fuqek Penali Amministrattiva ta' €500 u 50 Punti ta' penali minhabba ksur tar-regolament numru 69 (2) tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri."*

Illi mill-korp tar-rikors promutur jirrizulta illi l-imsemmija sanzjonijiet gew imposti fuq ir-rikorrent stante li *bus* proprjeta` tieghu u li kienet mikrija lil terzi persuni kienet giet operata b'kontravvenzjoni tar-Regolament 69 (2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56.

Illi c-citat Regolament 69 (2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56 (Regolamenti dwar Servizzi ta'Garr ta' Passiggieri) jghid is-segwenti:-

*"L-ebda operatur m'għandu jużа' jew iħalli li tintuża', xi bus mikxufa reġistrata taħt il-liċenza li biha jopera, li ġiet manifatturata aktar minn għaxar snin qabel ma daħlu fis-seħħ dawn ir-regolamenti, għal xi għan ieħor minbarra biex toffri servizz fuq rotta ta' ġarr ta' passiġġieri turisti skond dan ir-regolament:*

*Iżda l-operatur jista' wkoll juża jew iħalli li tintuża tali bus mikxufa biex tipprovdi servizzi ta' ġarr tal-passiġġieri oħrajn wara li jkun tħallas id-dritt tad-dħul relattiv skont ir-regolament 117."*

Illi mill-atti jirrizulta illi l-allegata infrazzjoni sehhet fis-27 ta' Ottubru 2013 gewwa Triq Ross, Paceville, San Giljan ghall-habta tad-8.45 a.m. u kienet tikkonsisti fil-fatt illi l-*bus* bin-numru COY018 intuzat ghal ghan iehor minbarra li toffri servizz fuq rotta ta' passiggieri turisti. Illi jirrizulta wkoll illi l-imsemmija vettura kienet qieghdha tinstaq minn certu Giuda Taddeo Xuereb.

Illi mid-dokumenti esebiti jirrizulta wkoll illi fis-7 ta' Awissu 2013 sar kuntratt bejn ir-rikorrenti u certu Chris Fenech fejn ir-rikorrent kien qed jikri l-imsemmija vettura minn dakinhar sal-31 ta' Ottubru 2013 lill-Kumpanija CitySightseeing Malta.[1] Ir-rikorrent esebixxa wkoll dokument ta' Transport Malta li fih hemm indikat li l-operatur tal-imsemmija vettura huwa certu Alfred Magro ghan-nom tal-Kumpanija Captain Morgan Leisure Limited.[2]

**Joseph Saliba,** rapprezentat ta' l-ETC illum Jobsplus, xehed illi Giuda Taddeo Scicluna fil-gurnata in kwistjoni kien jahdem mal-Kumpanija Island Sightseeing Limited bhala xufier filwaqt li certu Mario Attard kien jahdem mal-istess Kumpanija bhala *booking clerk.*

**Taddeo Xuereb**, xehed li fil-gurnata in kwistjoni huwa kien impjegat mal-Captain Morgan u dakinhar kien bid-*double decker* fuq rotta biex jigbor it-touristi ghal *tour* minn Paceville. Jispjega li huwa kien jaf li ma kienx permess jghaddi minn fejn id-Dragonara, pero`, peress li kien hemm hafna traffiku minn l-unika triq li seta' jghaddi, cempel l-ufficju fejn gie ordnat biex jghaddi minn hdejn id-Dragonara u kif wasal hdejn il-Hilton sab lill-ufficjali tal-Awtorita` intimata fejn infurmahom li kellu jghaddi bilfors minn hemm minhabba t-traffiku u biex ma jaghlaqx it-triq peress li kien inqabad fit-traffiku fejn it-triq tofroq jew ghal quddiem ic-cinema li hemm f'Paceville jew ghat-triq li tiehdok ghad-Dragonara. Madankollu x-xhud jispjega li xorta tawh citazzjoni.

**Emanuel Borg**, ufficjal tal-infurzar tal-Awtorita` intimata, xehed illi fil-gurnata in kwistjoni kien waqqaf il-vettura in kwistjoni peress li kienet fuq rotta li mhux suppost ghaddiet minnha. Jghid li bhal din il-vettura kien hemm vetturi ohra li waqqafhom u tahom citazzjoni. Jispjega li minn fejn kien posizzjonat huwa ma setghax jara jekk kienx hemm problemi fit-triq li taghti ghal-lukanda

[1] Dok MS2 a fol. 5
[2] Dok MS3 a fol. 6

Intercontinental. Jghid li x-xufier in kwistjoni ma tah l-ebda spjegazzjoni ghala ghadda minn dik ir-rotta pero` qallu li lilu minn hemm jghidulu jghaddi. Jghid li din mhux l-ewwel darba li vetturi tat-tip li kien qieghed isuq Xuereb ghaddew minn hemm u kellhom hafna rapporti. Jghid li l-ebda xufier li waqqaf, inkluz Xuereb, ma kienu qalulu li kienu ghaddew minn dik ir-rotta ghax kien hemm it-traffiku mir-rotta li suppost kellhom jghaddu minnha.

**Mario Attard** spjega illi huwa jahdem mal-Kumpanija City Sightseeing li hija kumpanija tal-Captain Morgan bhala *transport co-ordinator.* Jghid li fil-gurnata in kwistjoni kien cempillu Taddeo Xuereb fejn infurmah li hdejn il-lukanda Intercontinental kien hemm hafna *coaches* u vannijiet u li hu kien qieghed jimblokka t-traffiku u ghalhekk kien qallu biex jaghddi minn hdejn id-Dragonara pero` ma jidholx hdejn il-lukandi.

**Chris Fenech** spjega illi huwa kien impjegat mal-Kumanija Island Sightseeing li kienet tmexxi l-*franchise* tad-*double deckers* tas-City Sightseeing. Jispjega wkoll illi l-istess Kumpanija kellha hamsin fil-mija *ownership* tal-Captain Morgan. Jghid li huwa kien iffirma l-ftehim mar-rikorrent li jinsab a fol.5 tal-process fejn ir-rikorrent kien kera l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni COY 018 lill-Kumpanija City Sightseeing. Jispjega li kull vettura li kienet tigi operata mill-Kumpanija ried bilfors ikollha *operating license*, liema licenzja kien jiehu hsieb japplika ghaliha certu Alfred Magro.

**Alfred Magro**, impjegat mal-Kumpanija Captain Morgan Leisure Limited spjega illi huwa ghandu l-inkarigu li jirregistra l-vetturi tal-Kumpanija. Jghid li l-vettura in kwistjoni kienet mikrija minghand wiehed Ghawdxi u hu rregistraha biex tkun operata mill-Captain Morgan Leisure Limited. Jispjega li kien jaf li xi darba kien hemm problema rigward ir-rotta li ghaddiet minnha l-vettura in kwistjoni.

**Ir-rikorrent** xehed illi huwa kien xtara l-vettura in kwistjoni minghand il-Kumpanija Garden of Eden. Jghid li ghalkemm il-vettura giet registrata fuq ismu bhala sid, l-*operating license* baqghet fuq Captain Morgan li kien qieghed jopera precedentement u dan ghaliex l-istess Kumpanija uriet ix-xewqa li tibqa' topera l-istess vettura versu kirja minghand ir-rikorrent. In kontro-ezami spjega li kemm il-licenzja u kemm l-*insurance* ghall-imsemmija vettura jithallsu minn Captain Morgan.

**Sylvana Bartolo**, *senior manager* mal-Awtorita` intimata, spjegat illi fil-gurnata in kwistjoni l-licenzja ta' opertur tal-vettura in kwistjoni kienet tghajjat lil Captain Morgan Leisure Limited. Tghid li r-rikorrent kien is-sid registrat tal-imsemmija

vettura bejn it-8 ta' Awwissu 2013 u d-9 ta' Ottubru 2015 pero` dejjem baqghat taht l-*opertor's licence* tal-Captain Morgan Leisure Limited. Tghid li fl-Awtorita` intimata jithaddmu sistemi differenti ta' registrazzjoni. Tispjega li t-Taqsima tal-Infurzar fi hdan l-Awtorita` intimata mghandhiex access ghall-informazzjoni dwar il-licenzji ta' operatur u li jekk l-ufficjali tal-imsemija Taqsima jkunu jridu xi informazzjoni jridu jistaqsu. Tghid li fl-Awtorita` m'hemmx *network* li kull direttorat ikun jista' jara l-informazzjoni imdahhla minn direttorat iehor. Ix-xhud spjegat illi l-licenzja ta' operatur tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni COY 018 qatt ma kienet tghajjat lir-rikorrent ghalkemm ghandu licenzji ta' operatur ghal vetturi ohra.

**Emanuel Zammit**, *enforcement manager* mal-Awtorita` intimata, xehed illi fil-gurnata in kwistjoni l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni COY 018 kienet registrata fuq ir-rikorrent bhala sid u dan kif irrizultalhom mis-sistema tal-VERA, liema sistema hija wahda kompjuterizzata u zzom rekord ta' diversi dettalji kronologici tal-vettura minn meta tasal Malta sakemm tigi skreppjata. Jispjega li l-Awtorita` kienet baghtet pre-avviz lir-rikorrent u taghtu zmien jaghmel ir-rapprezentazzjonijiet tieghu. Madankollu r-rikorrent m'ghamel l-ebda rapprezentazzjoni u ghalhekk hargu l-penali u l-multa fil-konfront tieghu. Jispjega li kieku r-rikorrent ipprezenta l-*operator's licence* meta kellu cans jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu, l-Awtorita kienet tkun f'posizzjoni li tevalwa ahjar is-sitwazzjoni.

**Ikkunsidra:**

Illi wara li t-Tribunal ha konjizzjoni tax-xhieda u tad-dokumenti kollha prodotti jirrizultalu illi fis-27 ta' Ottubru 2013, u cioe` d-data ta' meta sehhet l-allegata infrazzjoni, l-licenzja ta' operatur tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni COY 018 kienet f'isem Alfred Magro ghan-nom ta' Captain Morgan Leisure Limited. Ma jirrizultax illi l-Awtorita` intimata qieghdha fil-fatt tikkontesta dan il-fatt.

Illi jirrizulta car illi l-Awtorita` intimata ghamlet zball meta giet biex tohrog il-penali u l-multa amministrattiva ghall-allegata infrazzjoni. Regolament 69 (2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56 jimponi obbligi fuq l-**"operatur"** u mhux fuq is-sid li l-vettura tigi operata skond l-istess Regolamenti. Jirrizulta car illi f'dan il-kaz ir-rikorrent kien biss is-sid tal-vettura u mhux ukoll l-operatur. Kwindi meta l-Awtorita` intimata harget id-decizjoni taghha li timponi l-penali amministrattiva u l-punti ta penali fuq ir-rikorrent, l-istess decizjoni kienet wahda zbaljata. Ghall-allegata infrazzjoni l-Awtorita` intimata setghet timponi l-istess sanzjonijiet fuq l-operatur, u cioe` fuq Alfred Magro ghan-nom ta' Captain Morgan Leisure

Limited. Jirrizulta illi dan l-izball sar peress li d-Direttorat tal-Infurzar qaghad fuq dak li rrizultalu mis-sistema tal-VERA, li pero` ma tinkludix fiha fuq min tkun qieghda l-licenzja ta' operatur.

Ghaldaqstant, dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi r-rikorrent ghandu ragun fl-aggravju tieghu u cioe` li huwa ma kienx l-operatur registrat u ghalhekk qatt ma seta' jigi penalizzat b'dak il-mod. It-Tribunal josserva illi l-Awtorita' intimata, permezz tax-xhud Emanuel Zammit, ikkoncediet li kieku r-rikorrent gibdilhom l-attenzjoni mil-ewwel illi huwa ma kienx l-operatur huma setghu jirrikonsidraw il-posizzjoni taghhom. Madankollu t-Tribunal, ma jarax li dan jista' jimminimizza b'xi mod ir-responsabbilita` tad-decizjoni zbaljata ghaliex fl-ahhar mill-ahhar l-Awtorita` intimata kellha l-informazzjoni kollha li kellha bzonn stante li kienet hi stess li harget il-licenzja ta' operatur.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunjiet hawn fuq moghtija, qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-appell tar-rikorrent u jhassar u jirrevoka d-decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 20 ta' Novembru 2013, filwaqt li jichad it-tieni eccezzjoni tal-Awtorita` intimata.

Bl-ispejjez kontra l-Awtorita` intimata.

__________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**